# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 21 ta' Jannar 2002**

**Avviz. numru 2727/97**

**Numru 30**

**Korporazzjoni Telemalta u b'nota tas-6 ta' Mejju 1998 is-socjeta kummercjali Maltacom plc qed tassumi l-atti**

**vs**

**Joseph Portelli**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' hames mija u erbgha u disghin lira u tlieta u sittin centezmu (Lm594.63) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 319508 (skond kif jirrizulta mill-"statement" anness mal-avviz Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond "Madonnina" BLDS/1, Sawmill Street, Msida.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Awissu 1997, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 39 tal-atti kif ukoll l-anness Dok A a fol 2 tal-atti oltre l-atti kollha tal-kawza.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fid-9 ta' Jannar 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm594.63,0 bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Awisssu 1997 u bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri kif ukoll tal-ittra ufficjali tat-22 ta' Awissu 1997 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

Alan Calleja
Deputat Registratur